MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 14/2015

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Massimo Curmi**
**ID 430384M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Jannar, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin ewro u tmin centezmi (€349.08) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C40142535 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Regisrtu Elettorali u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inaadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' April, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-28 ta' April, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin ewro u tmin centezmi (€349.08) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------